Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 4/2015AE

**Mitra Tapan**

**Vs**

**Direttur tac-Cittadinanza**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru, 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fis-16 ta' Frar 2015, l-appellant appella minn decizjoni tal-Immigration Appeals Board. L-aggravju tal-appellant hu li:

*"l-Immigration Appeals Board ghamel apprezzament hazin tal-Ligi. Fil-fatt ir-rikorrent applika l-ewwel darba ghall-otteniment tal-long term residence status fl-2007. Ir-regolamenti ccitati mill-Bord tal-Appell (5(3)(a-c) tal-Avviz Legali 278/2010) u li a bazi taghhom l-appell tar-rikorrent gie rigettat gew fis-sehh wara l-2007 u cioe' ghal habta tal-2010. Kwindi fiz-zmien meta r-rikorrent applika dawn ir-regolamenti ma kienux jezistu u kien japplika regim ta' regolamenti totalment differenti ghal dawk li bdew japplikaw wara 'l 2010. Ghal din ir-raguni l-Immigration Appeals Board applika l-ligi w r-regolamenti zbaljati billi applika regolamenti aktar oneruzi minn dawk li kienu u li ghandhom japplikaw ghar-rikorrent"*.

L-intimat wiegeb:-

1. Ir-rikors tal-appell ma giex notifikat lill-Avukat Generali.
2. L-appell hu null ghaliex gie pprezentat *fuori termine* (Artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217).
3. Fil-meritu, l-appell propost mill-appellant kien jirreferi ghal applikazzjoni ghal long term residence status li pprezenta fis-sena 2013. Talba li fit-30 ta' Lulju 2013 giet michuda mill-appellat. L-appell quddiem l-Immigration Appeals Board gie pprezentat fis-sena 2013 u ghalhekk ghandu japplika l-Avviz Legali 278 tas-sena 2006 kif emendat permezz tal-Avviz Legali 310 tas-sena 2010.

L-appellant baqa' m'attendiex ghas-seduti quddiem din il-qorti.

Mill-atti jirrizulta li permess ta' ittra datata:

1. 6 ta' Novembru 2008 l-appellat gharraf lill-appellant li cahad l-applikazzjoni tal-appellant ghal *long-term residence status* f'Malta;

2. 30 ta' Lulju 2013 l-appellat gharraf lill-appellant li cahad l-applikazzjoni tal-appellant ghal *long-term residence status* f'Malta.

Jidher li l-appellant applika darbtejn u t-talba tieghu giet michuda fiz-zewg okkazzjonijiet.

Wara li l-qorti semghet lid-difensuri u rat l-atti li jinkludu nota tal-appellat (2 ta' Dicembru 2015), tosserva li:-

1. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, din inghatat bla bzonn ghaliex l-appellat hu assistit mill-ufficcju tal-Avukat Generali. F'dan l-istadju notifika lill-Avukat Generali mhi ser taghmel l-ebda differenza.

2. B'decizjoni tat-30 ta' Lulju 2013, l-intimat cahad it-talba tar-rikorrent biex jinghata *long-term residence status*. Ir-rikorrent appella quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni. Il-parti dispozittiva tad-decizjoni taqra:

   *"For the above reasons regarding lack of evidence of integration according to regulation 5(3)(a-c) is rejecting the appellant's appeal and confirming the respondent's decision.*

   *The Board wishes to make it clear that such rejection is not based on the economic and financial considerations but as has been stated, also on the lack of evidence of integration conditions stipulated in the amendments"*.

3. B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni, il-qorti tosserva:-

   i. Fd-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni m'hemmx data tad-decizjoni.
   ii. Fir-rikors tal-appell l-appellant iddikjara li fis-26 ta' Jannar 2015 kien notifikat bid-decizjoni tal-Bord.
   iii. L-appell quddiem din il-qorti kien prezentat fis-16 ta' Frar 2015.
   iv. Skond l-Artikolu 25A tal-Kap. 217: *"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali hlief ghar-rigward ta' punti ta' dritt decizi mill-Bord rigward decizjonijiet li jkunu jolqtu persuni bhal dawk imsemmija fit-Taqsima III……"*. F'dawk il-kazijiet l-appell ghandu jsir fi zmien ghaxart (10) ijiem. Pero' hu evidenti li d-decizjoni tal-Bord ma tolqotx persuna "…. *bhal dawk imsemmija fit-Taqsima III…"* (ara sentenza ta' din il-qorti[1] fl-ismijiet **Daham Al Hamed vs Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**, 26 ta' Gunju 2009[2]), gialadarba l-appellant hu

---
[1] Imhallef P. Sciberras.
[2] *"Incidentalment it-Taqsima III intitolata Disposizzjonijiet Specjali, tikkoncerna, skond l-Artikolu 4A, id-drittijiet tac-cittadini ta' Stat Membru in konsegwenza u ghat-tharis tat-Trattat jew ta' kull Ftehim*

cittadin Indjan. Ghalhekk dan il-provvediment ma japplikax ghall-kaz in ezami.

4. Skond il-Ligi Sussidjarja 217.05 (*Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations*), f'kaz li applikazzjoni ghal *long-term residence status* tigi michuda, l-applikant ghandu dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni (regolament 10). Pero' m'hemmx provvediment li jaghti dritt ta' appell quddiem din il-qorti. Fic-cirkostanzi l-appell prezentat mill-appellant hu null. Materja li giet sollevata mill-qorti *ex officio* fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2015, gialadarba din hi eccezzjoni ta' ordni pubbliku.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-ewwel ecezzjoni tal-appellat.**
2. **Tichad it-tieni eccezzjoni tal-appellat.**
3. **Tiddikjara l-appell null gialadarba fil-ligi ma jezistix dritt ta' appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni dwar l-ilment tal-appellant**.

**Spejjez a karigu tal-appellant**.

Anthony Ellul.

---

*dwar Fruntieri. Distintement, l-appellant, li huwa ta' nazzjonalita Sirjana, ma jaqax f'din il-klassifika tal-persuni ghal liema jirreferi l-Artikolu 4A fit-Taqsima III".*